MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 581/2005/3

**Avviz Numru : 581/2005CSH**

**Care Services Limited**

**vs**

**Mario Muscat u Alfred Vella**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fit-22 ta’ Frar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***“Il-Qorti: -***

*Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha d-danni sofferti minnhom kawza t’incident li sehh nhar it-tnejn u ghoxrin*

*(22) t'Ottubru 2003 waqt tragit bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HSY-017 proprjeta ta' Mario Muscat li kienet misjuqa minn Alfred Vella f'liema incident Giulia Ellul Sullivan sofriet griehi ta' natura gravi, liema tragit kien qieghed isir mill-konvenuti, wara li s-socjeta` attrici ordnat servizzi ta' transport minghand il-konvenuti, liema servizz gew esegwiti b'mod negligenti u kawza ta' tali negligenza, s-socjeta attrici sofriet danni.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali datata erbatax (14) t'Ottubru 2005.*

*Ai fini ta' kompetenza, gie dikjarat li d-danni ma jeccedux il-hamest elef lira maltin (Lm5,000).*

*Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn esponew bir-rispett li:-*

*1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ratione materie stante li billi l-kawza si tratta t'incident tat-traffiku fejn id-danni ma jeccedux il-hamest elef lira maltin (Lm5,000), din il-vertenza kellha tigi riferuta lic-Centru Malti tal-Arbitragg u dan a tenur tal-Avvizi Legali Numru 419/2004 u 279/2005.*

*2. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

*Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha esebew kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet* ***Aquatess Limited vs Alfred Vella et*** *deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2005 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta.*

*Rat il-verbal tal-Qorti datat ghaxra (10) t'Ottubru 2006 (fol. 26) fejn iddikjarat li kienet rat ir-raba' skeda tal-Kap 387 paragrafu 112, u iddikjarat li m'ghandhiex gurisdizzjoni fir-rigward u ghalhekk, mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.*

*Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Care Services Limited vs Mario Muscat u Alfred Vella*** *deciza nhar it-tnax (12) t'April 2007 fejn annullat u hasret il-provediment moghti minn din il-Qorti diversament*

*preseduta nhar l-ghaxra (10) t'Ottubru 2006 u fejn irrimettiet l-atti lura lill-istess l-ewwel Qorti ghad-determinazzjoni u decizjoni skont il-ligi tal-eccezzjoni tal-inkompetenza sollevata mill-konvenuti.*

*Rat illi nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 2007 l-attur esebixxa nota ta' sottomissjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar l-inkompetenza ratione materia u dan bil-visto tal-kontro parti.*

*Rat is-risposta tal-konvenuti pprezentata nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2008.*

*Rat is-sentenza preliminari moghtija nhar t-tmienja (8) t'April 2008 minn din il-Qorti kif preseduta fl-istess ismijiet premessi, fejn cahdet l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u ddikjarat li hija ghandha kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna.*

*Rat ir-rikors tal-konvenuti ipprezentat fl-atti nhar l-ghaxra (10) t'April 2008 fejn talbu lil din il-Qorti tawtorizzhom jipprezentaw nota t'eccezzjonijiet ulterjuri u dana sabiex il-kawza tkun tista tigi kontestata fuq il-mertu.*

*Rat id-digriet taghha tal-erbatax (14) t'April 2008 fejn laqghet l-istess talba tal-konvenuti ghal prezentata tal-eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat in-nota t'eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti pprezentata nhar tmienja (8) ta' Mejju 2008 fejn eccepew bir-rispett:-*

*1. Illi fl-ewwel lok u fil-mertu ta' dan l-incident gja gie deciz fil-kawza fl-ismijiet* ***Aquatess Limited vs Alfred Vella et*** *- Avviz Numru 375/2004DM nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2005 u kwindi l-eccipjent m'ghandhom iwiegbu xejn fil-konfront tas-socjeta attrici li instabet f'din is-sentenza definittiva unikament responsabbli ghall-akkadut u ghad-danni konsegwenzjali rizultanti mill-incident li gara fit-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru 2003 u li fih korriet Giulia Ellul Sullivan.*

*2. Illi ukoll bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma kienu b'ebda mod responsabbli ghal dak li gara lil Giulia Ellul Sullivan fl-incident li gara fit-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru 2003 waqt li Alfred Vella kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HSY-017 proprjeta ta' Mario Muscat, liema incident gara unikament tort u htija t'impjegati tas-socjeta attrici u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3. Illi 'n vista tal-premess l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici u ghalhekk, it-talbiet taghha fil-konfront tal-eccipjent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.*

*Rat in-nota tas-socjeta` attrici li pprezentata fl-atti nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2008 li permezz taghha pprezentata l-affidavit ta' Angele Buhagiar li gie mmarkat bhala Dok. AB O1.*

*F'din l-affidavit* ***Angele Buhagiar*** *tghid li hija tahdem bhala manager fir-residenza ghall-anzjani 'Casa Serena'.*

*Bhala residenza kienu ta' spiss jikru vannijiet minghand Co-operative Transport Services (Lilac Vans) u dawn il-vannijiet huma ddisinjati apposta sabiex jipprovdu servizzi ta' transport lil persuni bi bzonnijiet specjali. Huma jipprovdu wkoll carers biex jassistu lill-anzjani residenti, ghalkemm m'humiex responsabbli ghas-set up tal-anzjani fuq il-vann. Tghid li hija r-responsabilita' tas-sewwieq tal-vann li jispezzjona il-vann qabel ma sewwieq jitlaq bih.*

*Tispjega li nhar it-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru 2003 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, l-vann kien miexi matul it-Triq St. Andrews, meta f'daqqa wahda karozza, li kienet quddiem il-vann, ghamlet U-Turn mhux mistennija u l-vann ha brake qawwi bil-konsegwenza li l-passiggieri fil-vann gew imbuttati 'l quddiem u fost il-passiggieri kien hemm Giulia Ellul Sullivan, li laqtghet irkobtejha mal-panel tal-van. Il-vann baqa' sejjer lejn ir-residenza u wara hatt il-passiggieri kollha. Meta waslu l-passiggieri, bdew jitkellmu dwar l-incident u Giulia Ellul Sullivan bdiet tilmenta bl-ugiegh u giet akkompanjata sal-isptar St. Philip's fejn giet ammessa bhala in patient ghal ftit granet u binha*

*pprezenta l-kont taghha tal-isptar, lis-socjeta` attrici li tiehu hsieb ir-residenza 'Casa Serena'. Dan il-kaz spicca l-Qorti u s-socjeta` attrici spiccat sofriet danni fl-ammont ta' Lm4,218.76 rapprezentanti 'n kwantu ghal Lm3,404 kont tal-isptar, Lm385.67 interessi li gew likwidati mill-Qorti u Lm430 spejjez gudizzjarji. Dan l-ammont in effetti thallas permezz ta' cekk wiehed indirizzat lil Dr. Renato Cefai. Oltre dan, is-socjeta attrici sofriet ukoll is-somma ta' Lm650 bhala spejjes legali dovuti lil Dottor Louis Bianchi, bhala rapprezentant legali tal-konvenuti l-ohra.*

*Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet* ***Aquatess Ltd vs Alfred Vella et*** *nhar id-disgha (9) t'Ottubru 2008 li tinsab inserita fl-atti a fol. 90 permezz ta' nota tar-Registratur tal-Qorti.*

*Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni tal-res*
*judicata fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) t'April 2009.*

*Rat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet premessi (fol. 99) li hija stess tat fis-26 ta' Mejju 2009 fejn kienet laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar ir-res gudikata u konsegwentement kienet illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizju.*

*Rat illi minn dik is-sentenza kien sar appell mis-socjeta' Care Services Limited, prezentat fil-15 ta' Gunju 2009. Illi dan l-appell gie milqugh it-13 ta' Novembru, 2009 u b'hekk is-sentenza tas-26 ta' Mejju, 2009 giet imhassra u l-atti gew mibghuta lura lil din il-Qorti kif presjeduta "biex hemm jigi minn dik il-Qorti definit u deciz il-mertu wara d-debita konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra sottomessi…."*

*Rat li l-kawza kienet giet riappuntata quddiemha ghall-14 ta' Jannar 2010.*

*Rat li fid-9 ta' Marzu, 2010 l-avukat difensur tas-socjeta' attrici talab l-allegazzjoni tal-process tal-kawza numru 375/04 fl-ismijiet "****Aquatess Ltd vs Alfred Vella et****" ma' din il-kawza. Rat li l-kontroparti ma kellhom l-ebda oggezzjoni ghal din it-talba, u ghaldaqstant il-process*

*imsemmi gie allegat skond id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju 2010.*

*Rat li fis-16 ta' Lulju 2010 is-socjeta' attrici pprezentat l-affidavit ta'* ***Francis Casha*** *(a fol. 130), li ilu helper mal-anzjani fir-residenza Casa Serena f'Bugibba, ghal dawn l-ahhar ghaxar snin jew ftit iktar. Spjega li huwa jghin biex jingarru l-anzjani barra mir-residenza. Ftakar li darba fis-sena 2003, kien sehh incident f'Tal-Ibragg, waqt li kienu fil-van sejrin lura lejn id-dar tal-anzjani. Jaf li l-van kien tat-tip li fih jista' jitilghu l-wheelchairs, pero' ma kienx jaf x'jismu x-xufier. Jghid li ghalkemm l-anzjani kellhom il-wheelchairs marbuta, xorta sehh dan l-incident fejn weggghet anzjana minnhom. Jaf li l-anzjana, is-Sinjura Ellul Sullivan, kienet marbuta, pero' xorta' wahda harget minn fuq il-wheelchair, zerzqet u waqghet 'il quddiem, u dan meta x-xufier zamm il-brake ghax hariglu xi hadd minn fuq il-lights. Jghid li dak il-hin ma kienx jidher li s-Sinjura Ellul Sullivan gralha xi haga, u ghalhekk baqghu sejrin, pero' wara sar jaf li din kellha bzonn xi kura. Qal li malli waslu l-home kienu gibdu l-attenzjoni tan-nurse u ttiehdu l-passi mehtiega.*

*Meta deher il-Qorti u xehed fis-7 ta' Dicembru 2010 Francis Casha kkonferma li kien fil-van meta nqala' l-incident u spjega li xoghlu fil-fatt huwa li jara li meta jkunu fuq il-van l-anzjani jkunu bilqeghda sewwa, u li jiehu hsiebhom.*

*Rat li fil-15 ta' Novembru, 2010 xehed* ***Mario Muscat*** *(fol. 133) li ddikjara li hu sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HSY 017. Mistoqsi jekk jafx ta' min hi Care Services Ltd., jghid li ma jafx, jaf biss li kien jircievi telefonati biex jintalab is-servizz tieghu tat-trasport. Qal li llum m'ghadux jaghti servizz ta' transport lil Casa Serena. Ikkonferma li dakinhar tat-22 t'Ottubru 2003 huma kienu qed jahdmu ghal Casa Serena, u li x-xufier kien Alfred Vella.*

*Dakinhar xehed ukoll* ***Alfred Vella*** *( a fol. 134 ) li kkonferma li dakinhar tat-22 t'Ottubru 2003 kien qed isuq il-vettura bin-numru HSY 017, u li kien gabar xi nies minn*

*Marsaxlokk biex johodhom Casa Serena. Ftakar li meta wasal hdejn il-Luxol Grounds, waqt li kien miexi b'xi ghoxrin mil fis-siegha, zewg karozzi ta' quddiemu waqfu hesrem ghax van li kien gej mid-direzzjoni opposta ghamel U-Turn. Hu waqaf ukoll. Jghid li sar jaf li malli waqaf, sinjura li kienet riekba warajh, certu Giulia Ellul Sullivan, zerzqet mill-wheelchair, u li fil-fatt hu nduna li waqghet ghax sema' hoss. Qal li fil-van kien hemm ukoll zewg facilitators minn Casa Serena, li wiehed minnhom jismu Frans.*

*Spjega li l-facilitators u mhux ix-xufier jorbtu l-pazjenti bil-wheelchairs mal-van, u dan isir bi speci ta' gancijiet u jintrabtu mal-art u mas-seats tal-van. Mistoqsi jekk il-pazjenti effettivament ikunux marbutin fil-wheelchair, wiegeb li suppost hekk hu, pero' dak mhux xoghlu. Qal li hu jsaqsi lill-facilitators jekk hux lesti, u jsuq biss meta jghidulu huma, u zied li hu kull ma jaghmel hu li jopera l-lift biex itella' l-wheelchair fil-van. Skont hu dakinhar kulhadd kien marbut. Qal li wara li sehh l-incident, hu waqaf fil-genb u ghen lill-facilitator biex jigbru lill-anzjana mill-art. Ghall-mistoqsija jekk infurmax lil xi hadd bl-incident, wiegeb fin-negattiv.*

*Kompla jispjega li l-van huwa attrezzat apposta ghall-garr tal-wheelchairs u qal ukoll li dakinhar il-wheelchair baqa' fejn kien u ma resaqx, filwaqt li kienet is-sinjura li zzerzqet minn fuqu. Sostna li naturalment huma l-facilitators ghandhom ir-responsabilita' li jiehdu hsieb il-pazjenti u li xoghlu huwa biss dak ta' xufier u biex jopera l-lift.*

*Fis-7 ta' Dicembru, 2010 xehdet ukoll* ***Angele Falzon*** *fil-kariga taghha ta' Direttur ma' Casa Serena. Din qalet li ma kinitx prezenti waqt l-incident u ghalhekk dak li taf hu dak li giet infurmata dwaru. Hija esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok FA fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011, li jikkonsisti f'fotokopja tac-cekkijiet li jindikaw il-hlasijiet li huma ghamlu in konnessjoni mal-incident li sehh fejn korriet gravi Giulia Ellul Sullivan nhar it-22 ta' Ottubru 2003.*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi ghalhekk f'din il-kawza l-ewwel zewg eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti, u cioe' dik ta' nkompetenza ratione materiae u dik ta' res judikata diga' gew decizi u ghalhekk fadal biss li tigi trattata l-eccezzjoni fuq il-mertu, u cioe' li l-konvenuti ma kienux responsabbli ghall-incident fejn korriet Giulia Ellul Sullivan.*

*Dwar il-fatti sic et simplicite ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Fis-sens illi verament Giulia Ellul Sullivan kienet riekba fuq il-van proprjeta' ta' Mario Muscat, u li s-sewwieq dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2003 kien il-konvenut Alfred Vella. Ma jidhirx li huwa kontestat lanqas li s-sewwieq tal-vann ibbrejkja f'daqqa, ghaliex kien hemm zewg vetturi qablu li kienu waqfu hesrem peress illi kien hemm vettura gejja mid-direzzjoni opposta li ghamlet U-turn. Ma jidhirx li huwa kontestat lanqas li Giulia Ellul Sullivan korriet minhabba din il-manuvra, u dan ghaliex bil-habta zzerzqet minn gol-wheelchair. Ma jidhirx lanqas li huwa kontestat li fuq il-van dakinhar tal-incident kien hemm zewg facilitators ma' l-anzjani. Ma jidhirx lanqas li huma kontestati l-hlasijiet li saru mis-socjeta' attrici bhala hlas ghad-danni li gew ikkundannati jhallsu b'referenza ghal dan l-incident.*

*Ghalhekk l-unika kontestazzjoni li hemm bejn il-partijiet hija dwar min hu responsabbli ghall-incident fejn korriet Giulia Ellul Sullivan, u min ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni subiti.*

*Dwar in-natura tal-kolpa li din il-Qorti trid tattribbwixxi, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Biagio Muscat vs Anthony Falzon** deciza mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' Mejju 2003 fejn inghad li :-*

*"Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta'*

*levent dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili".*

*Il-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta' jipprevedi dak l-effett. Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min jaghmel dak l-att hija assoluta. Mhiex difiza tajba kontra din ir-responsabilita` l-allegazzjoni illi min ghamel l-att li gieb id-danni kien ilu jaghmlu zmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li ghalhekk min ghamel dak l-att ma setax jissupponi, li fil-kaz partikolari kien ser jinqala' dak li nqala."*

*Issa f'dan il-kaz is-socjeta' attrici harrket tnejn min-nies, u cioe' l-konvenut Mario Muscat li ma kienx prezenti ghall-incident izda huwa l-propretarju tal-vettura li kien qed isuq il-konvenut l-iehor Alfred Vella fil-hin tal-incident. Illi ghalhekk il-konvenut Muscat la ra l-incident isehh u wisq inqas kien ko-partecipi fih. Illi sabiex jinsab responsabbli ghad-danni jrid ikun ghamel xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni li kkontribwixxa ghall-incident. Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut fil-fatt naqas minn xi obbligu tieghu bhal per ezempju li halla karozza fi stat hazin tinsaq minn bniedem iehor jew xi haga simili. Fis-sentenza li nghatat nhar il-11 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet* ***Antonia Vella vs Joseph Camilleri et*** *moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq kwistjoni simili, nghad li r-responsabilita' civili tal-konvenut ghad-danni kagunati minnu tohrog mill-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili:-*

*"…mhix kawza bbazata fuq nuqqas t'osservanza ta' disposizzjoni kontrattwali izda kawza ex delicto u ghalhekk il-propretarju tal-van m'ghandux ikun responsabbli".*

*Illi ghalhekk mill-bidu nett din il-Qorti ma tistax tara kif tista' issib htija fil-konfront ta' dan il-konvenut Mario Muscat.*

*Dwar il-konvenut l-iehor pero' l-Qorti ghandha xi tghid. Kull wiehed huwa responsabbli ghad-danni li huwa jikkaguna lil haddiehor bl-ghemil tieghu. Ghandu jigi pprovat in-ness ta' kawza u effett bejn id-danni reklamati u l-agir ta' min ikun ikkaguna d-danni.*

*Issa fil-kaz in ezami s-socjeta' attrici qed issostni li hija sofriet danni peress illi l-pazjenta taghhom Giulia Ellul Sullivan sofriet danni f'sahhitha minhabba l-incident li kienet involuta fih meta kienet riekba mal-konvenut Alfred Vella f'St. Andrews u huwa bbrejkja f'daqqa. M'hemmx dubju li x-xufier tal-vettura ghandu certu obbligi li ghandu jzomm waqt li qed isuq, molto piu' meta qed igorr numru t'anzjani. Illi x-xufier ghandu jiehu hsieb is-sahha u kura tal-passigieri tieghu li huma rekbin mieghu. Ix-xufier ghandu jzomm prudenza fis-sewqan tieghu u jzomm a proper look out il-hin kollu ghal dak li jkun ghaddej fit-triq. Dan ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Alfonso Abela "****Nuqqas ta' 'proper lookout' u cioe nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali jammonta ghal sewqan traskurat."*

*Kif gie osservat fis-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet* ***David Gatt vs Peter Calleja*** *inghad li :- "Biex persuna tinstab responsabbli ghad-danni, mhux necessarju li l-agir taghha tkun l-unika kawza tad-danni reklamat; anke jekk, b''xi mod, ikkontribwiet bin-negligenza taghha ghall-hsara, ma tistax tahrab mirresponsabbilta'. Kull persuna, ovvjament, trid twiegeb ghall-ghemil taghha, u mhux responsabbli ghall-agir negligenti u traskurat ta' haddiehor.*

*Anke jekk kellha tirrizulta n-negligenza, mhux bizzejjed li tigi konstatata l-htija, imma hu mehtieg ukoll li jigi stabbilit li dik il-htija kkagunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod cert."*

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti,*

*kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Kull xufier hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.*

*Issa m'hemmx dubju li sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni, jinhtieg li jkun hemm "nexus", fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni.*

*Issa f'dan il-kaz l-incident sehh ghaliex il-konvenut Alfred Vella, kien qed isuq f'St. Andrews meta fid-daqqa u l-hin ibbrejkja u dan ghaliex jghid li kien hemm karozza quddiemu li ttentat taghmel U-turn. Bir-rispett kollu din hi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut u jghid li hu ma kellux triq ohra salv li jibbrejkja ghaliex din il-vettura kkagunatlu emergenza subetanea. Il-konvenut pero' ma jressaq l-ebda xhud jew prova sabiex jipperswadi lill-Qorti li s-sewqan tieghu qabel dan l-incident kien wiehed galbat u li zamm id-distanza necessarja mill-vettura ta' quddiemu u li effettivament kien kawt ghal dak li kien ghaddej flambjenti*
*tieghu. Il-konvenut Vella, li kellu diversi anzjani rekbin mieghu, messu qaghad hafna aktar attent ghall-utenti l-ohra tat-triq. Illi l-konvenut Vella jghid li huwa ma kellux ir-responsabilita' tal-anzjani fuq il-van, izda dik kienet tal-care workers. Onestament din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut bhala sewwieq ta' vettura jghid li m'ghandux responsabilita' ghall-passiggieri li jgorr, u dak li qal huwa biss tentattiv sabiex jipprova jezonera ruhu minn kwalsiasi responsabilita' u jghaddi l-istess lill-care workers. Jirrizulta*

*li l-wheelchair ta’ Ellul Sullivan kien marbut tajjeb ghaliex ma nqalax bil-brake, izda li Ellul Sullivan izzerzqet minn fuqu, u li ghalhekk ir-rsponsabilita’ hija ta’ Vella ghaliex il-kagun li din izzerzqet kien is-sudden braking. Is-sewwieq ta’ esperjenza normali li ghandu responsabilita’ t’anzjani fil-vettura teighu, ghandu joqghod hafna aktar attent ghal dak li jkun ghaddej fit-triq. Bir-rispett kollu l-Qorti thoss li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li huwa uza dik id-dilgenza ta’ pater familjas rikjesta fil-ligi civili, meta kellu r-responsabilita’ ta’ numru ta’ passigieri abbord. Il-Qorti tghid li sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti. kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Issa l-artikolu 22 tal-High Way Code jipprovdi “Keep your vehicle in good condition. Pay particular attention to lights, brakes, steering, tyres direction and indicators..” Issa dak hu proprju li m’ghamilx il-konvenut, u cioe’ li ma tax kaz id-direzzjoni li kien qed jiehu l-allegat konducent li bbrejkja u ghamel U-turn quddiemu. Kieku l-konvenut kien attent u kawt kien inaqqas il-velocita’ bil-mod u mhux jibbrejkja f’daqqa, kif effettivament ghamel.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut Alfred Vella huwa responsabbli ghall-incident fejn fih korriet Giulia Ellul Sullivan.*

*Dwar id-danni jinghad li din il-Qorti m’ghandhiex komptenza aktar milli tillikwida d-danni f’ammont massimu ta’ hamest elef Lira Maltin. Issa fil-kaz in esami skont id-dokument esebit minn Angele Falzon, liema dokument ma giex kontestat mill-konvenut, jindika li d-danni sofferti jeccedu l-hamest elef lira Maltin u dan ghaliex is-socjeta’ attrici bhala rizultat tal-incident kienet hallset is-somma ta’ sitt mija u hamsin Lira u ghaxar centezmi (Lm650.10) lil Dr. Keith Bonnici, sitt mija u hames Liri u ghaxar centezmi (Lm605.10) lil Dr. Louis Bianchi u erbat elef erba’ mija u tlieta w ghoxrin Lira Maltin (Lm4,423) lil Dr. Renato Cefai.*

*Ghalhekk komplessivament is-socjeta' attrici sofriet danni fl-ammont ta' hamest elef sitt mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm5,678.20). Illi dan nonnostante, l-ammont li tista' tillikwda din il-Qorti ghandu jkun massimu ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000).*

***Ghaldaqsant din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-incident fejn korriet Giulia Ellul Sullivan sehh tort unikament tal-konvenut Alfred Vella, tillikwda d-danni subiti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86) ekwivalenti ghal hamest elef Lira Maltin (Lm5000) u tikkundanna lill-konvenut Alfred Vella jhallas din is-somma hekk likwidata lis-socjeta' attrici u tillibera mill-oseservanza tal-gudizzju lill-konvenut Mario Muscat.***

***Bl-ispejjez u bl-imghax min-notifika tar-rikors promotur lill-istess Alfred Vella."***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Vella (KI 481041M) datat 9 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

Rat li dan l-appell kien  appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-11 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta ta' Care Services Limited (C 28125) datata 19 ta' April 2011 a fol 12 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanti kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Rachel Loporto Motebello ghall-konvenut appellant Alfred Vella u Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghas-socjeta` appelata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 22 ta' Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) l-Ewwel Qorti ma tatx kaz ix-xhieda prodotta mill-konvenut fis-sens li l-incident sehh ghaliex l-appellant ibbrejkja ghaliex kien hemm vettura ohra li ghamlet U –Turn, jew harget minn fuq it-traffic lights u allura l-istess appellant kien affacjat b'*sudden emergency*; (b) li l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellant ma zammx proper lookout ma hijiex sorretta mill-provi; (c) jinghad li l-appellant ma kellux responsabbilta' tal-passiggieri ghaliex dawn kien f'idejn *facilitators*, u la darba il-*wheelchair*s li kienu fihom il-passiegieri kienu u baqghu f'posthom u l-incident sehh ghaliex l-passigiera zzersqet minn fuq il-*wheelchair*, mela allura s-sewqan tieghu ma' kienx il-kawza prossima tal-incident.

Illi ma hemm ebda dubju li dan huwa appell dwar l-apprezzament ta' fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti u dwar l-istess din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi **"John Bezzina et vs Emanuel Camilleri"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2011) u **"Angelo Bilocca vs John Mary Cardona"** (A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011 fejn inghad li:-

*"illi f'dan l-appell ta' appellant huwa msejjes ssotanzjament fuq l-allegazzjoni li sar apprezzament hazin tal-fatti mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward, issir riferenza ghas-sentenzi **"Carmel Zammit et vs Anthony Lia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Ottubru 2009) u **"Noel Cutajar vs***

***Graziella Zahra"*** *(A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011) fejn inghad li sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti, din ta' l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti giet ezercitata manifestament hazin. F'dan is-sens, hija s-sentenza fl-ismijiet* ***"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited"*** *(A.C. - 4 ta' Lulju 2008) fejn il- Qorti rriteniet illi:-*

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

*Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet* ***"Phyliss Ebejer et vs Joseph Aquilina"*** *(A.C. – 10 ta' Jannar 1995 – Vol. LXXIX.i.248) inghad li l-Qorti tal-Appell tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f"kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti. Jinghad li tal-istess portata huma d-decizjonijiet* ***"Ruth Spiteri vs. Emmanuel Vella"*** *(A.I.C. – 5 ta' Marzu 2003) u* ***"Hilda Debrincrat vs Mario Farrugia*** *(A.I.C. (Ghawdex) – 14 ta' Lulju 2004); u* ***"Joseph Grech Sant vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et nomine"*** *(A.C. – 28 ta' Frar 1997); u* ***"Hans Jocham Link et vs Raymond Mercieca"*** *(A.I.C. – 12 ta' Jannar 2001).*

*Illi fis-sentenza* ***"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"*** *(A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) inghad ukoll li:-*
*"gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni*

*obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*

Illi minn dak li jirrizulta mill-provi jirrizulta ampjament lil din il-Qorti li l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti kienu fil-parametri tal-provi prodotti quddiemha u allura setghet waslet, kif waslet ghalihom, u dan billi uzat id-diskrezzjoni taghha sabiex waslet ghall-provi, u allura din il-Qorti thoss li ma hemmx lok fejn b'mod straordinarju din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha fl-apprezzament tal-provi ghal dak li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Illi f'dan il-kaz, iktar u iktar meta jirrizulta li l-appell odjern huwa wkoll ibbazat fuq dak li l-appellanti jghid li qalu zewg xhieda Francis Casha u Angele Buhagiar (fil-verita' Falzon – ara xhieda 7 ta' Dicembru 2010) li t-tnejn xehdu li ma rax l-incident isir mela allura dak allegat mill-appellant bl-ebda mod ma gie kkorroborat.

Illi tenut kont ta' dan ma hemm l-ebda dubju li jirrizulta li l-appellant ibbrejka f'daqqa, b'dan li minhabba dan l-passiegiera zzerqet min fuq is-siggu li kienet fih fuq wara u gew lilha kkawzati danni. L-element ta' emergenza subetanea ma giex effettivament pruvat ghaliex jekk wiehed jiehu li l-appellant isostni li huwa kien qed isuq b'20 mil fis-siegha u kellu zewg karozzi quddiemu li skond huwa waqfu f'daqqa ghaliex (dejjem skond huwa) kien hemn van gej mid-direzzjoni opposta u ghamel U-Turn u waqaf u ghamel bhalhom, mela allura kemm il-darba huwa kien qed izomm distanza sew huwa ma' kellux jieqaf b'dik il-qawwa kollha, iktar u iktar (apparti li kien miexi bi speed baxx - u kien qed izomm *proper look out*) tenut kont li huwa kellu l-passigieri fuq wara fuq siggu, huwa allura kellu jkun iktar kawt l-investiment tal-vettura tieghu. Dan apparti l-fatt li kif qalet l-Ewwel Qorti din il-versjoni ta' kif gara l-incident ma giet sorretta bl-ebda mod ta'

korroborazzjoni u din il-Qorti zzid tghid li abbazi tal-atti processwali lanqas hija verosimili.

Illi dwar l-allegazzjoni li ma hemmx ness ta' kazwalita' bejn d-danni sofferti u l-agir tal-appellant, dan ma jirrizultax lanqas li huwa korrett ghaliex kien proprio is-sewqan negligenti tal-istess appellant li wassal ghad-dannu soffert mill-passigiera li kellu fl-istess vettura, u din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni tirrferi ghal dak li sostniet l-istess decizjoni f'pagna 16 u 17 tal-istess. B'hekk l-appell qed jigi respint ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell datata 19 ta' April 2011 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Alfred Vella fir-rikors tal-appell tieghu datat 9 ta' Marzu 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi "Care Services Limited vs Mario Muscat u Alfred Vella" (Avviz Numru 581/05/CSH) datata 22 ta' Frar 2011.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant Alfred Vella.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------